



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1209/2013, imressqa minn Juan Berna Jose, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar miżbla fir-reġjun ta' Alicante (Spanja)

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jipprotesta fil-qosor kontra l-kostruzzjoni ppjanata ta' miżbla enormi fil-muniċipalità ta' Albaterra fir-reġjun ta' Alicante.

Fil-fehma tiegħu, din il-miżbla futura se tipperikola b' mod serju l-bilanċ ambjentali taż-żona. Barra minn hekk, il-petizzjonant jiddikjara li l-proġett għie implimentat mingħajr konsultazzjoni mar-residenti lokali u mingħajr it-trasparenza neċessarja.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-2 ta' April 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-Kummissjoni tixtieq tistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jirreferi għat-tweġiba pprovduta mill-Kummissjoni għall-Petizzjoni 253/2013 dwar l-istess każ.

Il-konklużjoni hija li, f'dan l-istadju u abbażi tal-informazzjoni disponibbli, is-servizzi tal-Kummissjoni ma jistgħux jistabbilixxu li f'dan il-każ kien hemm xi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

"Risposta tal-Kummissjoni għall-petizzjoni 0253/2013, li waslet fit-28 ta' Frar 2014"

Deċizzjonijiet dwar is-siti ta' miżbljet għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati

Membri. Il-Kummissjoni ma tistax tinterferixxi f'deċiżjonijiet b'hal dawn sakemm jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tal-liġi tal-UE, b'mod partikolari mad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart ("id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart"), id-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'miżbla ta' skart ("id-Direttiva dwar il-Miżbliet") u d-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ("id-Direttiva VIA"). Il-kwistjonijiet imqajma mill-petizzjonant (l-impatt negattiv fuq l-inħawi tal-madwar, l-impatt fuq siti protetti eċċ.) għandhom ikunu vvalutati minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, jekk is-sit tal-miżbliet ikun approvat, il-miżuri li jindirizzaw dawn ir-riskji għandhom ikunu inklużi fil-permessi rilevanti.

Il-miżbla inkwistjoni tinsab fil-fażi ta' ppjanar, il-VIA għadha ma twettqitx u lanqas m'għadha rċeviet permess il-miżbla. Għaldaqstant, f'dan l-istadju u abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni ma tista' tidentifika l-ebda ksur potenzjali tal-leġiżlazzjoni tal-UE.